31996D0079

25.1.1996 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 19/41

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-12 ta' Jannar 1996

## li tistabilixxi ċ-ċertifikati żootekniċi tas-*semen*, ta' l-ova u ta' l-embriji mill-ekwidi rreġistrati

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(96/79/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/427/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju f' ekwidi [1], b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi għandhom jidhru dettallji speċifiċi fiċ-ċertifikat żootekniku sabiex tiġi stabbilita l-oriġini u l-identifikazzjoni ta' l-annimal li minnu ġejjin is-*semen*, l-*ova* jew l-embriji;

Billi ċ-ċertifikat innifsu jista' jiġi evitat sakemm id-dettallji msemmija f'din id-Deċiżjoni huma diġà preżenti fid-dokumentazzjoni ta' referenza li tirreferi għas-*semen*, għall-*ova* jew għall-embriji;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċizjoni huma skond l-opinjoni ta' l-Kumitat Permanenti dwar iż-Żootekniċi,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-dettallji li ġejjin għandhom jissemmew fiċ-ċertifikat għal *semen* ta' l-ekwidi rreġistrati:

1. *Data* dwar iż-żiemel donatur:
   — il-korp tal-ħruġ,
   — l-isem u l-indirizz tal-ktieb ġenealoġiku ta' oriġini,
   — ir-razza,
   — in-numru oriġinali ta' iskrizzjoni fil-ktieb ġenaloġiku (meta disponibbli),
   — l-isem ta' l-annimal,
   — id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat,
   — is-sistema ta' identifikazzjoni (eż. *microchip*, tpinġija, timbru, stampa),
   — l-identifikazzjoni,
   — l-informazzjoni jekk it-tip tad-demm jew test li jagħti garanzija xjentifika ekwivalenti għall-verifika tar-razza jkunu twettqu,
   — id-data tat-twelid,
   — l-isem u l-indirizz tas-sid,
   — l-isem u n-numri tal-ktieb ġenaloġiku tal-ġenituri u tal-missier ta' l-omm kif ukoll l-isem tal-kotba ġenealoġiċi,
   — ir-riżultati tat-testijiet ta' atteġġament u ta' l-istimi tal-valur ġenetiku (mhux obbligatorju).

2. *Data* dwar is-*semen*:
   — identifikazzjoni,
   — in-numru ta' dożi,
   — id-*data* tal-ġbir,
   — l-isem u l-indirizz taċ-ċentru(i) tal-ġbir tas-*semen* inkluż in-numru tar-reġistrazzjoni,
   — l-isem u l-indirizz tad-destinatarju.

*Artikolu 2*

Id-dettallji previsti fl-Artikolu 1 jistgħu jiġu indikati:

1. fil-forma ta' ċertifikat li jikkonforma mal-mudell fl-Anness I;

2. fid-dokumentazzjoni li takkumpanja s-*semen* ta' l-ekwini. F'dan il-każ l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiċċertifikaw li d-dettallji stabbiliti fl-Artikolu 1 huma indikati f'dawk id-dokumenti, permezz tal-formula li ġejja:

   "Is-sottoskritt jiċċertifika li dawn id-dokumenti jikkontjenu d-dettallji msemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/79/KE."

*Artikolu 3*

Id-dettallji li ġejjin għandhom jissemmew fiċ-ċertifikat ta' l-*ova* ta' ekwidi rreġistrati:

1. *Data* li tikkonċerna d-debba donatur:
   — d-*data* kollha speċifikata fl-Artikolu 1, Nru 1.

[1] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 55.

2. *Data* dwar l-ova:
   - identifikazzjoni,
   - id-*data* tal-ġbir,
   - l-isem u l-indirizz tal-grupp(i) tal-ġbir ta' l-ova inkluż in-numru tar-reġistrazzjoni,
   - l-isem u l-indirizz tad-destinatarju.

Jekk ikun hemm aktar minn ovum waħda f'tibna singola, dan għandu jiġi dikjarat fiċ-ċar u barra minn hekk l-*ova* kollha għandu jkollha l-istess omm.

*Artikolu 4*

Id-dettallji previsti fl-Artikolu 3 jistgħu jiġu ndikati:

1. fil-forma ta' ċertifikat li jikkonforma mal-mudell fl-Anness II;
2. fid-dokumentazzjoni li takkumpanja l-ova ta' l-ekwini. F'dan il-każ l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiċċertifikaw li d-dettallji stabbiliti fl-Artikolu 3 huma indikati f'dawk id-dokumenti, bil-formola li ġejja:

   "Is-sottoskritt jiċċertifika li dawn id-dokumenti jikkontjenu d-dettallji msemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/79/KE."

*Artikolu 5*

Id-dettallji li ġejjin għandhom jissemmew fiċ-ċertifikat ta' l-embriji ta' l-ekwidi rreġistrati:

1. *Data* dwar iż-żiemel donatur u d-debba donatur:
   - *id-data* kollha speċifikata fl-Artikolu 1, Nru 1.
2. *Data* dwar l-embriji:
   - identifikazzjoni,
   - id-*data* tal-ġbir,
   - id-data ta' l-inseminazzjoni jew ta' l-akkoppjament,
   - l-isem u l-indirizz tal-grupp(i) tal-ġbir ta' l-embriji nkluż in-numru tar-reġistrazzjoni,
   - l-isem u l-indirizz tad-destinatarju.

Jekk hemm aktar minn embriju wieħed f'tibna singola, dan għandu jiġi dikjarat fiċ-ċar u barra minn hekk l-embriji kollha għandu jkollhom l-istess parentela.

*Artikolu 6*

Id-dettallji previsti fl-Artikolu 5 jistgħu jiġu indikati:

1. fil-forma ta' ċertifikat li jikkonforma mal-mudell fl-Anness III;
2. fid-dokumentazzjoni li jakkumpanja l-embriju(i) ta' l-ekwini. F'dan il-każ l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiċċertifikaw li d-dettallji stabbiliti fl-Artikolu 5 huma indikati f'dawk id-dokumenti, bil-formula li ġejja:

   "Is-sottoskritt jiċċertifika li dawn id-dokumenti jikkontjenu d-dettallji msemmija fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/79/KE."

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-12 ta' Jannar 1996.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

*L-ANNESS I*

**ĊERTIFIKAT ŻOOTEKNIKU GĦAS-*SEMEN* IRREĠISTRAT TA' L-EKWIDI**

| | |
|---|---|
| A. *Dettallji taż-żiemel donatur* | |
| 1. Il-korp tal-ħruġ | 2. Ir-Razza |
| 3. L-isem tal-ktieb ġenealoġiku ta' oriġini | |
| 4. Isem ta' l-annimal | 5. In-Nru tal-ktieb ġenealoġiku ta' oriġini |
| 6. Sistema ta' identifikazzjoni | 7. Nru ta' identifikazzjoni |
| 8. Data tat-twelid | 9. Tip ta' demm (*) (iva/le) |
| 10. L-isem u l-indirizz tas-sid | |
| 11. Ir-Razza | |
| Il-Missier<br>Nru tal-ktieb ġenealoġiku | |
| L-Omm<br>Nru tal-ktieb ġenealoġiku | Missier l-omm<br>Nru tal-ktieb ġenealoġiku |
| 12. Riżultati tat-testijiet ta' twettieq u l-istima tal-valur ġenetiku | |

Magħmul fi ..............................................., fil- ..........................................

Firma ........................................................................................................

ISEM B'ITTRI KBAR U T-TITOLU TAL-FIRMATARJU

.................................................................................................................

(*) Jew test li jagħti garanzija xjentifika ekwivalenti għall-verifika tar-razza.

**ĊERTIFIKAT ŻOOTEKNIKU GĦAS-*SEMEN* TA' EKWIDI RREĠISTRATI**

B. *Detallji dwar is-semen*

| 1. Sistema ta' identifikazzjoni tas-*semen* (kulur, numru, eċċ.) | 2. Identifikazzjoni tal-kontenitur |
|---|---|

3. Oriġini tas-*semen* (indirizz u numri tar-reġistrazzjoni taċ-ċentru(i) tal-ġbir tas-*semen*)

4. Destinazzjoni tas-*semen* (isem u indirizz tad-destinatarju)

| Numru ta' dożi | Id-Data tal-ġbir | L-Identifikazzjoni |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

Magħmul fi ........................................................................... , fil- .......................................................................

Firma .................................................................................................................................................................

ISEM B'ITTRI KBAR U T-TITOLU TAL-FIRMATARJU

.........................................................................................................................................................................

*L-ANNESS II*

| | |
|---|---|
| **ĊERTIFIKAT ŻOOTEKNIKU GĦALL-*OVA* TA' L-EKWIDI RREĠISTRATI** | |
| A. *Dettallji tad-debba donatur* | |
| 1. Il-korp tal-ħruġ | 2. Ir-Razza |
| 3. L-isem tal-ktieb ġenealoġiku ta' oriġini | |
| 4. L-isem ta' l-annimal | 5. In-Nru tal-ktieb ġenealoġiku oriġinali |
| 6. Sistema ta' identifikazzjoni | 7. Nru ta' identifikazzjoni |
| 8. Data tat-twelid | 9. It-Tip ta' demm (*) (iva/le) |
| 10. L-isem u l-indirizz tas-sid | |
| 11. Ir-razza | |
| Il-Missier<br>Nru tal-ktieb ġenealoġiku | |
| L-Omm<br>Nru tal-ktieb ġenealoġiku | Missier l-omm<br>Nru tal-ktieb ġenealoġiku |
| 12. Ir-Riżultati tat-testijiet ta' atteġġament u ta' l-istima tal-valur ġenetiku | |

Magħmul fi ..............................................., fil- ..........................................

Firma ........................................................................................................

ISEM B'ITTRI KBAR U T-TITOLU TAL-FIRMATARJU

.................................................................................................................

(*) Jew test li jagħti garanzija xjentifika ekwivalenti għall-verifika tar-razza.

**ĊERTIFIKAT ŻOOTEKNIKU GĦALL-*OVA* TA' EKWIDI RREĠISTRATI**

B. *Dettalljii ta' l-ova*

| | |
|---|---|
| 1. is-sistema ta' identifikazzjoni ta' l-ova (kulur, numru, eċċ.) | 2. L-Identifikazzjoni tal-kontenitur |

3. L-Oriġini ta' l-ova (indirizz tal-grupp tal-kollezzjoni ta' l-ova)

4. Id-Destinazzjoni ta' l-ova (isem u indirizz tad-destinatarju)

| Identifikazzjoni tat-tiben | Numru ta' l-ova għal kull tibna | Id-Data tal-ġbir |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

Magħmul fi .......................................................................... , fil- ......................................................................

Firma .........................................................................................................................................................

ISEM B'ITTRI KBAR U T-TITOLU TAL-FIRMATARJU

......................................................................................................................................................

*L-ANNESS III*

**ĊERTIFIKAT zOOTEKNIKU GĦALL-EMBRIJI TA' EKWIDI RREĠISTRATI**

A. *Dettallji taż-żiemel donatur*

| | |
|---|---|
| 1. Il-korp tal-ħruġ | 2. Ir-Razza |

3. L-isem tal-ktieb ġenealoġiku ta' oriġini

| | |
|---|---|
| 4. L-isem ta' l-annimal | 5. Nru tal-ktieb ġenealoġiku oriġinali |
| 6. Sistema ta' identifikazzjoni | 7. Nru ta' identifikazzjoni |
| 8. Data tat-twelid | 9. It-Tip ta' demm (*) (iva/le) |

10. L-isem u l-indirizz tas-sid

11. Ir-Razza

Il-Missier
In-Nru tal-ktieb ġenealoġiku

| | |
|---|---|
| L-Omm<br>In-Nru tal-ktieb ġenealoġiku | Missier l-omm<br>In-Nru tal-ktieb ġenealoġiku |

12. Ir-Riżultati tat-testijiet ta' atteġġament u ta' l-istima tal-valur ġenetiku.

Magħmul fi ..............................................., fil- ..........................................

Firma ........................................................................................................

ISEM B'ITTRI KBAR U T-TITOLU TAL-FIRMATARJU

.................................................................................................................

(*) Jew test li jagħti garanzija xjentifika ekwivalenti għall-verifika tar-razza.

**ĊERTIFIKAT ŻOOTEKNIKU GĦAL EMBRIJI TA' EKWIDI RREĠISTRATI**

B. *Dettallji tad-debba donatura*

| | |
|---|---|
| 1. il-korp tal-ħruġ | 2. Ir-Razza |
| 3. L-isem tal-ktieb ġenealoġiku ta' oriġini | |
| 4. L-isem ta' l-annimal | 5. In-Nru oriġinali tal-ktieb ġenealoġiku |
| 6. Sistema ta' identifikazzjoni | 7. Nru ta' identifikazzjoni |
| 8. Data tat-twelid | 9. Tip ta' demm (*) (iva/le) |
| 10. L-isem u l-indirizz tas-sid | |
| 11. Ir-Razza | |
| Il-Missier<br>In-Nru tal-ktieb ġenealoġiku | |
| L-Omm<br>In-Nru tal-ktieb ġenealoġiku | Missier l-omm<br>In-Nru tal-ktieb ġenealoġiku |
| 12. Ir-Riżultati tat-testijiet ta' atteġġament u ta' l-istima tal-valur ġenetiku. | |

Magħmul fi ..............................................., fil- ..........................................

Firma ........................................................................................................

ISEM B'ITTRI KBAR U T-TITOLU TAL-FIRMATARJU

.................................................................................................................

(*) Jew test li jagħti garanzija xjentifika ekwivalenti għall-verifika tar-razza.

**ĊERTIFIKAT ŻOOTEKNIKU GĦALL-EMBRIJI TA' EKWIDI RREĠISTRATI**

C. *Dettallji ta' l-embriju(i)*

| 1. Is-Sistema ta' identifikazzjoni ta' l-embrijo (kulur, numru, eċċ.) | 2. L-Identifikazzjoni tal-kontenitur |
|---|---|
| | |

3. L-Oriġini ta' l-embriju(i) (indirizz tal-grupp tal-ġbir ta' l-embriji)

4. Id-Destinazzjoni ta' l-embriju(i) (isem u indirizz tad-destinatarju)

| L-Identifikazzjoni tat-tiben | In-Numru ta' l-embriji għal kull tibna | Id-Data ta' l-inseminazzjoni | Id-Data tal-ġbir |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |

Magħmul fi ......................................................................... , fil- ......................................................................

Firma ......................................................................................................................................................

ISEM B'ITTRI KBAR U T-TITOLU TAL-FIRMATARJU

.................................................................................................................................................................